MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 669/1992/1

**Raymond Caruana**

**Vs**

**Philip Attard bhala Managing Director u in rapprezentanza tas-socjeta` Attrans Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur kien impjegat mas-socjeta` konvenuta bhala sewwieq ta' Truck numru J-5402 / YFE400X barra minn Malta, liema impjieg gie terminat fil-31 ta' Dicembru 1991 mis-socjeta` konvenuta;

Premess illi l-attur ghandu jiehu minghand il-konvenut *nomine* s-somma ta' sitt mija u sittin lira Maltin (Lm660) bhala *notice money*, kif ukoll is-somma ta' elfejn tmien mija u sebgha u disghin liri Maltin (Lm2897) rapprezentanti l-valur ta' l-effetti personali li huwa kellu fit-Truck, liema oggetti baqghu ma gewx ritornati lilu ghalkemm saru promessi li dawn jigu restitwiti fl-ahhar ta' Frar 1992;

Premess illi s-socjeta` konvenuta, interpellata biex thallas is-somma ta' Lm3,557 lill-attur, baqghet inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-attur kreditur tas-socjeta` konvenuta Attrans Limited fl-ammont ta' Lm3,557 kif fuq inghad, prevja d-dikjarazzjoni illi, peress li l-istess Truck issa qed isuqu u juzah sewwieq iehor, l-attur huwa intitolat li ma jaccettax li jiehu lura dawk li kienu l-effetti personali tieghu;

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur l-ammont ta' Lm3,557;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' April 1992, kontra l-konvenut *nomine*;

Bl-imghax legali mis-27 ta' Marzu 1992 sad-data tal-pagament effettiv;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut *nomine* li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi s-socjeta` konvenuta mhix dovuta thallas ebda *notice money* lill-attur peress illi kien hemm raguni tajba u sufficjenti ghat-terminazzjoni immedjata ta' l-impjieg tieghu, minhabba uzu skorrett ta' flus u proprjeta` tas-

socjeta` konvenuta waqt l-impjieg tieghu ta’ sewwieq ta’ l-istess vettura J-5402;

2. Minghajr pregudizzju, kieku kien dovut *notice money* dan jigi kalkulat skond il-paga tieghu ta’ Lm5 kuljum u mhux kif qed jippretendi l-attur;

3. Illi rigward l-effetti personali l-attur gie mitlub jaghti aktar dettalji peress illi l-ammont mitlub kien jidher bil-bosta esagerat (Dok. A), izda dan m’ghamlux. Fi kwalunkwe kaz l-attur irid jispjega x’inhuma dawn l-effetti, u ghaliex m’ghamilx arrangamenti biex igib lura dawn l-effetti kemm-il darba ghandu dritt ghalihom;

4. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut *nomine*, il-lista tax-xhieda minnu inidikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut *nomine* illi permezz taghha ippremetta:-

Illi l-attur Raymond Caruana kien impjegat tas-socjeta` konvenuta bhala sewwieq tal-vettura J-5402 barra minn Malta, liema impjieg gie terminat fit-tlieta (3) ta’ Jannar elf disa’ mija tnejn u disghin (1992);

Illi matul is-sena elf disa’ mija wiehed u disghin (1991) l-attur ghamel vjaggi mhux awtorizzati bl-istess vettura tas-socjeta` konvenuta u a spejjez ta’ l-istess socjeta`;

Illi inoltre l-attur b’abbuz u ghad-dannu tas-socjeta` konvenuta baghat kontijiet foloz ghal *travelling expenses* biex jithallas aktar milli fil-fatt nefaq;

Illi d-danni hekk sofferti mis-socjeta` konvenuta huma aktar minn sitt mitt lira (Lm600);

Talab ghar-ragunijiet premessi l-konvenut lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-attur Raymond Caruana huwa responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` konvenuta fl-ammont ta' Lm600;

2. Tikkundanna lill-attur ihallas din is-somma lill-konvenut *nomine*;

Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-attur;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut *nomine* akkompanjanti l-kontro-talba tieghu, u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur ghar-rikonvenjoni, illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-esponent jichad bil-qawwa kollha l-allegazzjoni tal-konvenut *nomine* li l-esponent "ghamel vjaggi mhux awtorizzati" u li "b'abbuz u ghad-dannu tas-socjeta` konvenuta baghat kontijiet foloz ghal *travelling expenses* biex jithallas aktar milli fil-fatt nefaq". Konsegwentement m'hemmx danni x'jigu likwidati. Ghalhekk il-kontro-talba tal-konvenut *nomine* ghandha tigi michuda bhala infondata fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kontra tieghu;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-3 ta' Novembru 1992 li permezz tieghu gie nominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Paul Caruana Curran biex jigbor il-provi;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Din hi kawza li tista’ tiddeskriviha bhala wahda ta’ telqa kbira fejn l-uniku xhud li gie prodott kien il-konvenut. Fuq firxa ta’ hdax (11) il-sena dan iddepona darbtejn u cjoe fil-5 ta’ Marzu 1996 u 22 ta’ Gunju 1997. Minn naha ta’ l-attur dan intavola c-citazzjoni tieghu fl-14 ta’ Mejju 1992; mill-kumplament ma ghamel xejn aktar. U la ressaq provi biex isostni l-pretiza tieghu ghan-*notice money* u lanqas semplici inventarju ta’ dawk l-effetti personali tieghu li hu jallega li kellu fit-*truck* tas-socjeta` konvenuta fil-mument li gie terminat lilu l-impjieg;

Ma jkunx inopportun li jigi mfakkar kull meta jinsorgu sitwazzjonijiet ta’ din ix-xorta illi filwaqt li l-ligijiet ta’ procedura jservu biex jaghtu u jassiguraw l-opportunita` shiha lil-litiganti biex fl-interess taghhom iressqu l-provi u jsostnu jew jiddefendu l-posizzjoni taghhom, minn naha l-ohra dawn l-istess ligijiet jiddettaw normi precizi dwar ir-regolamentazzjoni tal-provi u ta’ l-andament tal-kawza. Dan ghal motiv illi gjaladarba huma ta’ ordni pubbliku “*non ammettono estensione o restrizione nella loro applicabilita` da motivi di indole privata o singolare”* (**Vol. XXIV P I p 237**);

Il-Qorti sejra ghalhekk tokkupa ruhha mill-kontro-talba tal-konvenut *nomine* diretta ghar-rizarciment tad-danni allegatament subiti minhabba vjaggi mhux awtorizzati u kontijiet irregolari dwar *travelling expenses*;

Ghal dawk li huma provi l-konvenut *nomine* jiddikjara fiz-zewg seduti li fihom offra x-xhieda tieghu illi l-attur kien ilu fl-impjieg mas-socjeta` tieghu minn Settembru 1986. Dan l-impjieg gie terminat fit-3 ta’ Jannar 1992, ossija l-attur gie licenzjat ghas-segwenti motivi:-

I. Is-socjeta` giet addebitata darbtejn ghall-istess “*tolls*” jew “*pedaggio*” li kien dovut ghat-transitar fit-toroq fl-Italja. Il-konvenut rikonvenzjonant jafferma illi l-attur kien jghaddi l-kontijiet lilhom bhala li hallashom mill-*petty cash* mentri fil-fatt ikunu gja thallsu bil-*credit cards*;

II. Permezz tad-dokument PA1 gie spjegat illi l-attur ghamel vjaggi fl-interess ta' terzi meta dawn ma kienux awtorizzati. Il-konvenut *nomine* indika minn dan id-dokument zewg vjaggi in partikolari, u cjoe`, dak bejn "Reggio Emilia u Salerno", li kien jinvolvi tragitt ta' sitt mija u erbghin kilometru (640 km) u iehor bejn "Brennero u Roma Sud" li kellu tul ta' tmien mija u hamsin kilometru (850 km);

F'dan il-kuntest ix-xhud Philip Attard jelabora fuq ir-rata li biha s-socjeta` tikkalkula kull kilometru, u jghid li dan kien jiswielhom tnejn u tletin centezmu (32c) kull kilometru. Rata din li skond ix-xhud kienet komprensiva ta' l-ispiza ghat-"*tolls, diesel* u *wear and tear*";

Ghal dawk li huma danni s-socjeta` konvenuta ma tipprovdi mkien rezokont tal-flejjes li fil-fehma taghha kellha thallas doppjament ghat-*tolls* u mid-dokument PA2 relattiv ghal varji "*scontrini di pedaggio*" mhux possibbli li l-ispiza nvoluta tigi kwantifikata. Fic-cirkostanzi l-Qorti jkollha tillimita l-aritmetika ghar-ras tad-danni riferibilment ghaz-zewg vjaggi li jinghad li saru mill-attur meta dawn ma kienux awtorizzati;

Bir-rata applikabbli ta' tnejn u tletin centezmu (32c), li din il-Qorti taddotta ghal finijiet ta' kalkolu, il-kilometragg stabbilit ghaz-zewg vjaggi fuq indikati jaghti valur ta' erba' mija sitta u sebghin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm476.80). Ammont dan inferjuri ghas-somma reklamata mis-socjeta` konvenuta, anke ghaliex, kif fuq inghad, is-socjeta` konvenuta ma pprovatx b'mod preciz l-kwantifikazzjoni tal-hlas doppju li hi tghid li sar, bi htija ta' l-attur, ghall-*pedaggio*.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet attrici stante li dawn ma gewx ippruvati;

Fil-istess waqt tilqa' l-kontro-talba tal-konvenut *nomine* rikonvenzjonant billi fl-ewwel lok tiddikjara illi l-attur huwa responsabbli ghad-danni subiti mis-socjeta` konvenuta izda dan limitatament fis-somma ta' erba' mija sitta u sebghin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm476.80) dwar liema din il-Qorti qed tikkundanna lill-attur ihallas lis-socjeta` konvenuta, bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tal-kontro-talba (19 ta' Awissu 1992).

L-ispejjez tal-kawza principali jithallsu mill-attur, mentri dawk tal-kontro-talba jithallsu kwantu ghal sesta (1/6) parti mis-socjeta` konvenuta u kwantu ghal hames sesti (5/6) mill-attur.

--------------------------------TMIEM--------------------------------